MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2010

Citazzjoni Numru. 30/2005

**Raymond u Grace konjugi Camilleri**

**Vs**

**Saviour sive Sam Portelli u b'digriet tal-1 ta' April 2009 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Carmen Portelli stante l-mewt ta' Saviour sive Sam Portelli fil-mori tal-kawza; Dr Christopher Said li b'digriet tal-25 ta' April 2005 gie nominat kuratur deputat sabiex jirraprezenta lill-assenti Margaret armla ta' Pawlu Muscat u b'digriet tas-6 ta' Gunju 2008 Dr Kevin Mompalao issostitwixxa lil Dr Chris Said saiex jirraprezenta lill-assenti Margaret Muscat stante li Dr Christopher Said m'ghadux jokkupa kariga ta' kuratur tal-elenku u b'nota tat-28 ta' Ottubru 2008 Dr Angele Formosa assumiet l-atti tal-kawza ghan-nom ta' Charles, Paul u Rosanne ahwa Muscat wara l-mewt ta' ommhom Margaret Muscat u b'nota tal-21 ta' Lulju 2010 Dr Mario Scerri assuma l-atti tal-kawza ghan-nom tal-ahwa Muscat eredi ta' Margaret u Pawlu Muscat**

**minflok l-Avukat Dr Angele Formosa, u b'digriet tad-19 ta' Gunju 2009 Saviour u Antonia konjugi Portelli gew awtorizzati jintervjenu fil-kawza *in statu et terminis* ghan-nom ta' Rosalinda Portelli, fil-kwalita taghhom ta' kuraturi tal-istess u l-Avukat Dottor Carmelo Galea bhala prokuratur ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-assenti Jennifer DeHoog**.

Din hi kawza li tittratta art maghrufa bhala Ta' Patritu fi Triq San Blas, Nadur, Ghawdex tal-kejl ta' cirka self sitt mija u tlieta u tmenin metri kwadri (1,683 mk) li tikkonfina punent ma' Triq San Blas u beni ta' Rose Portelli, nofsinhar ma' beni ta' Giovanni Vella u tramuntana u lvant ma' beni ta' Giusepp Borg. L-atturi qeghdin jitolbu l-qasma tal-art bejn il-partijiet. B'sentenza li nghatat fid-19 ta' Dicembru 2008 (fol. 264) il-qorti cahdet it-tielet u hames eccezzjoni tal-konvenut Sam Portelli u ddikjarat li l-art ghandha tinqasam billi tigi assenjata terz (1/3) lill-atturi u zewg terzi (2/3) lill-konvenuti.

L-art oggett tal-kawza fiha kejl ta' elf hames mija u wiehed u tletin metri kwadri punt tnejn u ghoxrin (1,531.22 mk) skond rapport imhejji minn Vincent Ciliberti (fol. 172) u nominat b'digriet tad-9 ta' Lulju 2007 (fol. 153).

Fis-sentenza tad-19 ta' Dicembru 2008 il-qorti nnominat lill-perit Valerio Schembri sabiex ihejji pjan ta' qasma. Fit-13 ta' Ottubru 2009 il-perit tekniku pprezenta r-rapport (fol. 309). B'digriet tat-2 ta' Marzu 2010 il-qorti laqghet it-talba ghan-nomina ta' periti addizzjonali (fol. 349). Talba li saret mill-intervenuta fil-kawza Rosalinda Portelli li hi l-uniku wild tal-konvenut Saviour Portelli, u li f'kawza li ghamlet kontra Carmen Portelli qeghda tikkontesta l-validita ta' testment li sar minn missierha. Ghal dan il-ghan gew nominati l-perit Alan Saliba, il-perit Emanuel Vella u l-perit Joseph Dimech. Fl-14 ta' Mejju 2010 il-periti addizzjonali pprezentaw ir-rapport (fol. 358) fejn varjaw il-pjan ta' qasma propost mill-ewwel perit. Jirrizulta li l-periti addizzjonali qasmu

Jinghad li fir-rigward tal-eccezzjonijiet li nghataw fil-kawza, hi biss ir-raba' eccezzjoni ta' Saviour Portelli li ghadha pendenti (fol. 19). Mir-rapport tal-periti rrizulta li l-art hi kommodament divizibbli bejn l-atturi u l-konvenuti f'zewg porzjonijiet. Ghalkemm hu fatt li l-porzjon "Y" muri fil-pjanta li hejjew il-periti addizzjonali ghad trid tinqasam bejn il-konvenuti[1], jirrizulta li s-sehem taghhom mill-art hi provenjenti mill-wirt ta' Rose Portelli li ghad irid jinqasam bejniethom. Ghalhekk fil-fehma tal-qorti ghad ma tistax issir il-qasma bejniethom ta' din il-porzjon sakemm jigi determinat x'iktar immobbli hemm ghall-qasma.

Ghal dik li hi l-ewwel eccezzjoni li kienet inghatat minn Jennifer DeHoog (fol. 16), illum hi ezawrita wara s-sentenza li nghatat mill-Qorti tal-Appell fil-kawza **Avukat Dottor Carmelo Galea nomine vs Salvatore Portelli et** deciza fil-11 ta' April 2006 (fol. 114) u li kkonfermat sentenza ta' din il-qorti li rrikonoxxiet id-drittijiet ta' Jennifer de Hoog.

Ghalkemm l-atturi ma deherux li kienu qeghdin jaqblu mal-konkluzjoni li waslu ghaliha l-periti addizzjonali[2], fis-seduta tat-3 ta' Dicembru 2010 gie verbalizzat: ***"Dr Carmelo Galea, Dr Simone Grech[3] u Dr Mario Sceri jiddikjaraw li qeghdin jaqblu mal-konkluzjonijiet tal-periti addizzjonali."***. Dan wara li permezz ta' nota prezentata fl-1 ta' Lulju 2010 l-atturi iddikjaraw: *"Illi b'riferenza ghall-verbal tal-ahhar udjenza f'din il-kawza jiddikjaraw illi ma ghandhomx mistoqsijiet x'jaghmlu lill-periti teknici addizzjonali in subizzjoni **u jirrimettu ruhhom ghar-rapport tal-istess periti teknici**"* (fol. 390).

Fic-cirkostanzi gialadarba hemm qbil bejn il-partijiet li jigi addottat l-ahhar pjan ta' qasma propost mill-periti addizzjonali, il-qorti ser tghaddi biex taddotta l-motiviazzjoni u l-konkluzjoni taghhom. Fil-parti tal-konkluzjoni jinghad:-

---

[1] Ovvjament il-kwistjoni li hemm bejn Rosalinda Portelli u Carmen Portelli tibqa' mpregudikata sakemm ikun hemm gudikat dwar jekk l-ahhar testment li suppost ghamel Saviour Portelli huwiex validu.

[2] Ara nota ta' sottomissjonijiet li pprezentaw fl-4 ta' Ottubru 2010 (fol. 396).

[3] Dehret ghall-konvenuta Carmen Portelli.

*“L-esponenti periti addizzjonali jikkonkludu illi l-linja li taqsam l-art fil-kwistjoni f’zewg ishma, wiehed ta’ terz u l-iehor ta’ zewg terzi, hija dik immarkata bhala Z-Z fuq il-pjanta annessa Dok. RA. Din il-linja Z-Z tissepara l-porzjon X (b’kejl ta’ 351 m.kw u faccata ta’ 21.32m) ghat-terz (1/3) li eventwalment trid tigi assenjata lill-atturi mill-porzjon “Y” (li fiha kejl ta’ 1180 m.kw u faccata ta’ 23.37m) ghaz-zewg terzi (2/3) li jispetta lill-werrieta ta’ Paul u Rosa konjugi Portelli.”* (fol. 365).

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda tiddeciedi l-kawza billi tichad ir-raba’ eccezzjoni li kienet inghatat mill-konvenut Saviour Portelli (fol. 19) u tilqa’ l-ewwel zewg talbiet u tichad it-tielet talba, u b’hekk:-**

**1. Taqsam l-art maghrufa Ta’ Patritu fi Triq San Blas, Nadur, Ghawdex u murija fil-pjanta Dok. RA (fol. 367) f’zewg porzjonijiet kif muri fl-istess pjanta, u cjoe’ porzjon “X” b’kejl ta’ tlett mija u wiehed u hamsin metri kwadri (351 mk) li qeghda tigi assenjata lill-atturi, u l-porzjon “Y” b’kejl ta’ elf mija u tmenin metri kwadri (1180 mk) li qeghda tigi assenjata lill-konvenuti b’mod indiviz bejniethom.**

**2. Tordna li l-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta’ qasma jsir fit-23 ta’ Frar 2011 fis-2.00 p.m. fil-bini tal-Qorti ta’ Ghawdex.**

**3. Tinnomina lin-nutar Dr Anna Maria Mizzi sabiex tippubblika l-att relattiv u lill-avukatessa Dottor Deborah Mercieca sabiex tidher fuq l-att bhala kuratrici ghall-eventwali kontumaci.**

**L-ispejjez, salv ghal dawk li diga’ nghata provvediment dwarhom, ghandhom jinqasmu skond is-sehem li kull parti ghandha mill-art. Inoltre spejjez tar-raba’ eccezzjoni jibqghu a spejjez tal-eredi ta’ Saviour Portelli tieghu.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------